MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2496/2003

**Mile End Services Limited**

**vs**

**Reno sive Ryan Mifsud**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Dicembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tmienja u tmenin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm488.25) liema somma hija dovuta (a) kwantu ghal mija u wiehed liri u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm101.25) in konnessjoni ma' riparazzjoni ta' vettura tat-tip AUSTIN METRO fuq inkarigu tal-konvenut liema somma hija dovuta mill-4 ta' Settembru, 2003 skond dokument anness mal-avviz u mmarkat bhala Dok.A, (b) kwantu ghall-hamsa u hamsin lira (Lm55.00) rapprezentanti bilanc minn somma akbar in konnessjoni ma' kiri ta' karrozza tat-tip SKODA FAVORIT skond dokument iffirmat fl-4 ta'**

**Settembru, 2003 (Dok.B anness mal-avviz), (c) kwantu ghal ghoxrin lira (Lm20.00) rappresentanti rimbors ta' spejjez imhallsa mis-socjeta` attrici ghar-rigward ta' zewg kontravenzjonijiet li l-konvenut huwa responsabbli ghalihom waqt il-perjodu ta' kiri ta' l-istess vettura (Dok.C u D) u (d) kwantu ghall-tlett mija u tnax-il lira Maltija (Lm312.00) rappresentanti ammont dovut lis-socjeta` attrici u rappresentanti spejjez in konnessjoni mar-riparazzjoni tal-istess vettura SKODA FAVORIT wara li din garrbet hsarat waqt il-perjodu ta' kiri ghand il-konvenut (Dok.D1 anness mal-avviz) ;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 3 ta' Dicembru, 2003 (Dok.E) u bl-imghaxijiet mid-data ta' prezentazzjoni tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu tal-attur prezentat fis-6 ta' Mejju, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut.**
**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u tmenin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm488.25) bl-imghaxijiet legali mis-16 ta' Dicembru, 2003 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 3 ta' Dicembru, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------